# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 37

L-Erbgħa, 23 ta' Marzu, 2022

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-12:00.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 37.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

37.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

37.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 37.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

37.2.1 Is-Sindku qal li fi Triq ir-Rokon hemm ħofra kbira li għandha bżonn attenzjoni urġenti. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex iġib stima tal-ispejjeż u jibda x-xogħol.

37.2.2 Is-Sindku qal li u flimkien mal-cat feeders kellu laqgħa sabiex jippjanaw kif se jitfassal il-pjan tal-proġett tal-cat feeding u neutering. Il-Kunsill qabel unanimament li ngħidu lill-Animal Steward sabiex tqassam l-ikel u l-appuntamenti għall-neutering hi sakemm jispiċċaw il-fondi.

37.2.3 Is-Sindku qal li Triq il-Ġebla tal-Ġeneral tlesta l-ewwel livell tal-aspalt u ġie infurmat li l-parti kantuniera ma Triq Cangura u Triq it-Torri ser ssir wara l-elezzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.2.4 Is-Sindku qal li rigward il-bye law għadu irid ikellem l-avukat iktar fid-dettall u ngħadduha l-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel unanimament.

37.2.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li rigward il-petizzjoni tar-residenti ta' Triq Cangura, Dr. Camilleri għadha ma bagħtitx x'jista legalment isir. Hu kompla jgħid li għadna d-double yellow lines tal-area ta' Pawluzzu pendenti ukoll kif ukoll talbet li għaz-zebra crossing proposta fi Triq San Lawrenz Dr. Camilleri talbet għall-site plan bil-perit. Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu site plan bil-proposta.

37.2.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fil-librerija miexi u tlestiet il-parti tal-infrastruttura u hekk jifdal it-tiżjin biss.

37.2.7 Is-Sindku qal li ġie iffirmat l-collective agreement tas-SEi li jikludi fih allowances extra u s-SE għaddiet il-pagament tal-arretrati tal-allowances sabiex hu jiffirmaħ pero hu ma iffirmahx.

Is-Sindku qal li peress li se jingħataw communication allowance, l-kuntratt tas-sim card għandhu jiġi itterminat immedjatment u l-Kunsill jibda jċempel lis-SE fuq il-mobile privat tagħha. Is-SE qalet li skont il-collective agreement, waqt il-ħin tax-xogħol, jekk hi m'għandiex linja tal-mobile tax-xogħol, imħallsa mill-Kunsill, tista' biss tiġi ikkuntatjata fuq l-linja fissa tal-uffiċċju.

Is-Sindku kompla jgħid li peress il-Kunsill kellu diġa sim card tal-mobile titħallas mill-Kunsill is-SE m'hiex eliġġibli għal-communication allowances u dawn m'għandhomx jitħallsu. U kompla

jgħid li s-SE diġa qaltlu li fis-sitwazzjoni tagħha dan mhux korrett pero hu irrefera għal-email li bagħat d-Direttur Generali, Natalino Attard fejn tgħid dan il-fatt. Is-Sindku qal li jekk hemm xi kjarifiki mid-DLG, nerġgħu nitkellmu fuqhom darba oħra. Sa dan it-tant is-Sindku qal li l-bqija tal-arretrati l-oħra jistgħu jitħallsu, għalhekk intalab breakdown ta' dawn l-arretrati biex ikun jistgħu jinħarġu l-arretrati li hemm qbil fuqhom. Il-Kunsill qabel unanimament.

37.2.8 Is-SE qalet li d-DLG se jagħmel sistema ta' software tal-permessi li jinħarġu mill-Kunsill standard għall-Kunsilli kollha. Is-SE qalet li peress irid jiġi iffirmat kuntratt mal-ApcoPay, u irid isir ħlas addizzjonali għas-sistema, qed tgħaddiha Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi iffirmat pero jitlob ukoll li niġu ikkumpensati l-ispejjeż involuti tiegħu.

37.2.9 Is-SE qalet li irċivejna email id-DLG illi ħarġu skemi għal restawr ta' playing field u restawr ta' monument storiċi. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw għall-restawr ta' positijiet storiċi jekk il-post l-antik ta' Triq it-Tieqa tad-Dwejra hu eliġibbli.

37.2.10 Is-SE qalet li l-applikazzjoni tagħna għal expression of interest sabiex il-Kunsilli jinstallaw percussion equipment fl-open spaces tagħhom, ġiet aċċettata.

## 37.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

37.3.1 Ma kienx hemm mistoqsiijet.

## 37.4 Dance Classes;

37.4.1 Is-Sindku qal li daħlet proposta sabiex norgannizaw dance classes għall-anzjani. Peress li wara l-Covid kien hawn ħafna nies ħassuhom waħedhom, hi idea tajba li ssir xi ħaġa simili. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex inġibu funds għal din il-proposta.

## 37.5 Dwejra Spring Festival;

37.5.1 Is-Sindku qal li qed jipproponi li mal-Fiera tad-Dwejra ssir Dwejra Spring Festival fit—8 ta' Mejju sabiex anke ngħinu lill-għaqdiet tar-raħal. Is-Sindku qal li applika għall-funds sabiex isiru activities għat-tfal, show tal-falcons u nature tour ecc. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 37.6 Adjudication of Tenders – Paving of Works & Replacement of Existing Rubber Surface;

37.6.1 Is-SE qalet li qed jikkonkludu l-adjudications pero għad fadal jintbagħatu clarifications. Il-Kunsill qabel unanimament li jekk ikunu l-irħas offerta u l-clarifications ikunu tajbin imexxu fuq iż-żewġ tenders.

## 37.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

37.7.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

37.7.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 37.8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

37.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-13:15 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir l-Erbgħa, 20 ta' April 2022 fl-12:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv